MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Numru 961/2008

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo)

vs

Costantino Pawney

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 329187 (M) akkuzat talli:

1. nhar il-11 ta’ Jannar 2007 u matul il-jiem ta’ qabel din id-data, b’divesi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, hadem bhala agenzija ta’ gwardjan privat jew bhala gwardjan privat jew hekk offra is-servizz tieghu minghajr licenzja skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar gwardjani privati u lokali.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kas ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-iskwalifika ta' Costantino Pawney minn kull licenzja li tohrog taht l-Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Illi l-offiza li biha l-akkuzat jinsab imharrek hija wahda li taqa taht il-kompettenza originali ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Issa stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkuzat qeghda ssibu hati tal-akkuza kontrih dedotta.

Rat l-Artikolu 14 u 25 (b) tal-Kap 389 tiddikjarah hati u tikkundannah 230 euro multa li qeghda tikkoncedi li jithalsu b'rati ta' 77 euro fix-xahar bl-ewwel pagament sal-ahhar ta' Frar 2009 u b'pagamenti sussegwenti u konsekuttivi ta' 77 euro sal-ahhar ta' kull xahar ta' wara altrimenti konvertibbli f'gimghatejn prigunerija f'kaz li l-akkuzat jonqos li jhallas anka rata wahda kif ordnat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu ai termini ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------